**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar , 2016

Rikors Nru : 488/15 AL

**ABC**

**u**

**DB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbtax (14) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) (Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg twieldet tifla XBC (KI 263500L) fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) li llum ghandha hmistax –il sena u ghalhekk ghadha minuri.

Illi l-partijiet ilhom separati *de* jure minn Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u minn dak iz-zmien qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Joseph Debono datat disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (kuntratt ta' separazzjoni Dok. B anness) .

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin .

Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment pendenti stante illi ir-rikorrenti AB dejjem irceviet il-manteniment dovut ghall-minuri hekk kif inhu redatt fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq diga msemmi ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Illi r-rikorrenti A C tixtieq li terga tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe` C;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ;

Rat ir-rikors kongunt illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru,  2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti D B ;

Rat illi r-rikorrenti talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe` C u l-Qorti qeghda tilqa` din  t-talba ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi z-zewg rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ppruvaw li ilhom  separati minn Ottubru tas-sena 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tawtorizza lir-rikorrenti A B C biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe C qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.